MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 644/2014

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Tania FELICE [ID. Nru. 227973M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Settembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf u erbgha u hamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmi ta' euro [€1054.32c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' elf u erbgha u hamsin ewro u sitta u tnejn u tletin ċenteżmi (€1054.32) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta'

kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51004073 u A/C40033994 moghtija mis-socjeta attriċi skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C51004073
- Dok IZY3 u Dok IZY4 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40033994
- Dok IZY5 – estratt mir-Registru Elettorali, u

Illi l-konvenuta ġiet nterpellata sabiex thallas iżda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fis-26 ta' Settembru 2014.

Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti li permezz taghha irriduciet l-ammont mitlub bl-ammont ta' mitejn euro (€200) stante pagament mill-intimata fil-mori tat-talba.

Ra n-nota ta' l-intimata mressqa llum stess u li permezz taghha ammettiet t-talba fl-ammont ta' tmien mija u tnejn u hamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmi ta' euro (€852.32).

Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tibqa bla taxxa.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta’ elf u erbgha u hamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmi ta’ euro [€1054.32c] ammont dovut lill-istess soċjetà rikorrenti in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51004073 u A/C40033994.

Ikkunsidra;

2. Is-socjeta rikorrenti resqet nota llum stess li permezz taghha rriduciet t-talba taghha bl-ammont ta’ mitejn euro (€200).

3. L-intimata resqet nota, illum stess, li permezz taghha ammettiet it-talba tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta’ tmien mija tnejn u hamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmi ta’ euro (€852.32).

Ikkunsidra ulterjorment;

4. In vista tal-ammissjoni ta’ l-intimata, t-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, hekk kif ridott, huwa dovut fl-intier tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ tmien mija tnejn u hamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmi ta’ euro [€852.32] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-15 ta’ Gunju, 2010 data tal-ftehim (fol. 3) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, in vista ta’ dak dikjarat mid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-lum, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------